MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 587/2012

**Michael Attard Limited**

**Vs**

**Daniela Debattista**

Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuta l-hlas ta’ sbatax-il elf erbgha mija u erbgha u sebghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€17,474.49) hlas dovut ghal sittin (60) kambjala li mmaturaw bejn it-23 ta’ Gunju 2007 u 23 ta’ Marzu 2012, u kopja ta’ liema jinsabu fl-atti. Mill-istess dokument jidher li dawn il-kambjali nhargu b’riferenza ghall-bejgh tal-vettura Peugeot 207 chassis numru VF3WC8HZC33598931. L-

attrici talbet ukoll li l-kawza tinstema’ bil-procedura sommarja.

Il-konvenuta naqset milli tattendi ghas-seduta.

Id-difensur tal-attrici kkonferma li mit-taghrif li nghata ma kien sar l-ebda hlas minn meta giet prezentata l-kawza.

**Tilqa’ t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ sbatax-il elf erbgha mija u erbgha u sebghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€17,474.49), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.**

**Fl-istess waqt tordna lill-attrici sabiex fi zmien hmistax-il jum mil-lum tipprezenta, permezz ta’ nota, il-kambjali originali.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------